MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 174/2009

**Il-Pulizija
(Spt. Bernard Spiteri)
Vs
Jonathan Joseph Briffa**

**Illum 18 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-Hamis 10 ta' Marzu 2005 gewwa San Giljan ghall-habta tad-9.30 pm fi Triq Gorg Borg Olivier San Giljan

1. ikkommetta serq ta' flus u accessorji liema valur ta' dawn l-oggetti jeccedi il- mitt lira Maltija a detriment to XiuQin Han ta' nazzjonalita' Ciniza, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-valur u dan ai termini tal-artikoli 216, 262, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' XiuQin Han skond ma gie ccertifikat minn Dr.Marika Caruana mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. taht l-istess cirkostanzi, postijiet, dati, u hinijiet saq vettura LAN 12 ta' ghamla Vauxhall Nova minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess cirkostanzi, postijiet, dati u hinijiet saq vettura LAN 12 minghajr ma kienet koperta b'licenzja kurrenti sabiex tinsaq fit-toroq mahruga mid-direttur tal-licenzji u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. talli fl-10 ta' Marzu, 2005 gewwa San Giljan u cioe Triq Gorg Borg Olivier San Giljan f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex tbieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Il-Qorti ntalbet titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 261(a), 262(1)(a), 267, 270, 274(c), 277(a), 221 u 334(a) tal-Kap. 9, l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap. 104, l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni w tar-raba' imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' wiehed u ghoxrin xahar u ghall-hlas ta' multa ta' €234 liema multa tista' tithallas b'rati ta' €50 fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Jekk xi pagament

ma jithallasx il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ma sabitux hati tat-tielet u tal-hames imputazzjoni w minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma l-istess sentenza fejn sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tielet u mill-hames imputazzjonijiet, u fejn iddikjarat li l-akkuza tar-recidiva ma gietx ippruvata, tvarja l-istess billi tipprovdi piena aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-
Illi l-piena fic-cirkostanzi mhix dik idonea;
Illi essendo li l-Ewwel Qorti ma sabitux hati ta' recidivita' kienet libera li l-habs li kellha f'mohha li timponi fuqu tissospendih fit-termini ta' l-artikolu 28 tal-Kodici kriminali;
Illi l-appellant ikkopera pjenament mal-Pulizija tant li rrilaxxa stqarrija liema stqarrija irrizultat li kienet indipensabbli ghall-konluzzjoni ta' l-investigazzjonijiet tal-Pulizija;
Illi in oltre l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu b'mod immedjat;
Illi l-valur tas-serqa kien wiehed *de minimis* u parzjalment imhallas lura;
Illi ta' importanza pero' huma d-deposizzjonijiet li taw il-probation officer Antonella Spagnol. Din spjegat li dan kien qed isegwi id-direttivi ta' l-istess probation officer u li kien qed tassistih sabiex jibda programm volontarju ta' riabilitazzjoni;

Ta’ importanzi hija wkoll ix-xiehda ta’ Fr. Mark Montebello. Dan irrelata dwar l-ambjent socjali xejn felici li trabba fih l-appellant fejn kien anke vittma ta’ “bullying” kontinwu”;
Illi din it-trawma li ghadda minnha l-appellant affettwat il-personalita’ tieghu u spicca persuna dghajfa li facilment tigi nfluwenzata hazin;
Illi rrizulta li l-appellant ghandu bzonn ghajnuna (parent figure) sabiex jestrada ruhu tajjeb u jintegra pjenament fis-socjeta’.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jibbaza dan l-appell principalment fuq il-piena w qed jitlob lil din il-Qorti li tvarja l-istess u tipprovdi piena aktar mita w idoneja fic-cirkostanzi.

Spjega illi dan kien kaz ta’ “snatch and grab” fl-10 ta’ Marzu 2005 fejn kien ittiehdu s-somma ta’ tlett mitt lira (LM300) liema flus gew imradda lura.

Irrifera ghar-rapport tal-probation officer u ghax-xiehda ta’ Fr. Mark Montebello fejn spjega illi l-appellant kien vittma tal-“bullying” li affettwatu psikologikament b’mod negattiv.

Irrifera wkoll ghar-rapport tal-probation officer Antonella Spagnol fejn irrakkomandat li l-appellant jibda programm ta’ riabilitazzjoni.

L-appellant ilmenta wkoll illi minkejja illi gie liberat mill-akkuza tar-recidiva xorta gie kkundannat ghall-habs, dana meta l-Qorti setghet, kieku riedet, taghti sentenza sospiza.

Ma kienitx xi haga ta’ barra minn hawn li l-Qorti tal-Appell wara li taghmel riapprezzament tal-provi u l-ewwel decizjoni tvarja l-piena.

L-Ewwel Qorti kellha hafna fatturi favur l-appellant quddiemha. Ma kienx recidiv, il-kaz kien ilu hames snin, il-flus gew rifusi wkoll ir-rakkommandazzjoni tal-probation officer u ta’ Fr. Mark Montebello. Madankollu xorta ddecidiet illi tinflitti piena karcerarja.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni ta' din il-Qorti illi filwaqt illi l-Ewwel Qorti verament ma kienitx prekluza li taghti sentenza sospiza, pero' ghazlet fid-deskrizzjoni taghha li timponi piena karcerarja w ghamlet rakkommandazzjoni fis-sentenza taghha illi tajjeb illi din il-Qorti tiehu nota.

Ikkunsidrati :

L-ilmenti illi l-appellant gab quddiem din il-Qorti gabhom ukoll quddiem l-Ewwel Qorti u hadet nota fil-konsiderazzjonijiet taghha ta' dawn il-fatturi illi mmitigaw favur l-appellant.

Fil-fatt fil-parti konkluzzjonali taghha l-Ewwel Qorti qalet "dwar il-piena l-Qorti wiznet sew kemm dak illi qalet il-probation officer kif ukoll Fr. Mark Montebello. Rat ukoll bir-reqqa dak li kkummenta w rrakkomanda Fr. Mark Montebello fir-rapport komprensiv tieghu. Tassew li l-imputat jinhtieg attenzjoni kontinwa. Waqt li kienet qed tinstema l-kawza l-imputat rega' sab ruhu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Dan mhuwiex fatt li l-Qorti ma tistax tinjorah."

Kif gie rrimarkat diversi drabi, din il-Qorti ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi specjalment fejn tidhol il-kredibilita' ta' xhieda maghmul mill-Ewwel Qorti. "Fi kliem iehor, ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess provi biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx raggjonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (Pulizija vs Ezzawi Mehemed 03-11-1995).

Din il-Qorti rat il-provi illi gew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll ir-rakkommandazzjonijiet tal-probation officer u ta' Fr. Mark Montebello u tasal ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet raggjonevoli fil-konkluzzjoni taghha anki ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Jidher illi minkejja r-rakkommandazzjonijiet moghtija fil-mori tal-kawza, l-appellant sab ruhu fil-Facilita' Korrettiva

ta’ Kordin, liema fatt wiezen piz mhux hazin fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti, li kienet fit-termini tal-ligi illi timponi piena karcerarja effettiva w mhux sospiza.

Kif tajjeb argumenta l-Avukat Generali din l-ahhar alternattiva kienet a disposizzjoni tal-Ewwel Qorti, izda, waqt li qieset il-fatturi kollha li kellha quddiemha ddecidiet illi tinjora dik l-alternattiva w tinsisti ghall-piena effettiva. Fuq dan l-Ewwel Qorti ma tistax tigi censurata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta’ w tiddeciedi u tikkonferma s-sentenza appellata bir-rakkommandazzjoni moghtija lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------